MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tad-09 ta' Marzu 2017

Talba Numru: 526/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 13

**Simon Schiavone (K.I. 515790M)**
**14, Lido Flat 4**
**Triq Alessandru**
**Birzebbugia**

**Vs**

**Glen sive Gladys Mallia**
**Flat 3, 144, Triq il-Pellegrinagg**
**Bormla**

It-Tribunal,

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-12 ta' Novembru, 2016 li permezz tieghu l-attur talab il-hlas minghand il-konvenuta fl-ammont ta' tlett elf u hames mitt ewro (€3,500) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma' xoghol ta'

tikhil, tisbieh u kisi ta’ madum li sar fil-proprjeta’ tal-intimata u cioe Flat 3, 144, Triq il-Pellegrinagg, Bormla.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef u hames mitt ewro (€3,500) .

L-ispejjeż, inkluż ta’ kwalsiasi ittra uffiċjali huma a kariku tal-konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**